MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 235/2012

**GO p.l.c.**

**vs**

**Karen AZZOPARDI [ID. Nru. 450272(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-20 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija erbgha u erbghin euro u wiehed u tletin centezmu ta' euro [€544.31] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmi (€544.31) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40101288 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-

annessi dokumenti Dok IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2012, nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija erbgha u erbghin euro u wiehed u tletin centezmu ta' euro [€544.31], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------